REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 578/2014

tat-28 ta' Mejju 2014

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012

(2) Żewġ persuni u entità waħda ma għandhomx jibqgħu jinżammu fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(3) L-informazzjoni marbuta ma' ċerti persuni u entitajiet elenkati fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandha tiġi aġġornata.

(4) L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

E. VENIZELOS

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

I. Il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt, kif ukoll l-entrati relatati, huma b'dan imneħħija mil-lista li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012:

A. **Persuni**

Nru 14. Asif Shawkat

Nru 178. Sulieman Maarouf

B. **Entitajiet**

Nru 45. Syrian International Islamic Bank.

II. L-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taħt, kif stipulat fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
71.	Bushra (بشرى) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Bushra Shawkat)	Data tat-twelid: 24.10.1960.	Oħt Bashar Al-Assad u armla ta' Asif Shawkat, Viċi Kap tal-Persunal għas-Sigurtà u t-Tkixxif. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al-Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
108.	Dr. Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Al-Jleilati (الجليلاتي, جليلاتي)	Twieled: 1945; Post tat-twelid: Damasku	Ex-Ministru tal-Finanzi. Bħala ex-Ministru tal-Gvern jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.12.2011
152.	Dr. Qadri (قدري) (magħruf ukoll bħala Kadri) Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel)		Ex-Viċi Prim Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' Persuni li qed Jgħixu Barra minn Pajjiżhom. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
156.	Eng. Hala (هالة) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed)Al Nasser (الناصر)		Ex-Ministru tat-Turiżmu. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
158.	Eng. Subhi (صبحي) Ahmad (أحمد) Al Abdallah (العبدالله) (magħruf ukoll bħala Al-Abdullah)		Ex-Ministru tal-Agrikoltura u r-Riforma Agrarja. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
159.	Dr. Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed) Yahiya (يحيى) (magħruf ukoll bħala Yehya, Yahya, Yihya, Yihia, Yahia) Moalla (معلا) (magħruf ukoll bħala Mu'la, Ma'la, Muala, Maala, Mala)		Ex-Ministru tal-Edukazzjoni Għolja. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
161.	Dr. Mohamad (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed, Mohammad) Zafer (ظافر) (magħruf ukoll bħala Dhafer) Mohabak (محبك) (magħruf ukoll bħala Mohabbak, Muhabak, Muhabbak)		Ex-Ministru tal-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
163.	Dr. Safwan (صفوان) Al Assaf (العساف)		Ex-Ministru tad-Djar u l-Iżvilupp Urban. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
164.	Eng. Yasser (ياسر) (magħruf ukoll bħala Yaser) Al Siba'ii (السباعي) (magħruf ukoll bħala Al-Sibai, Al-Siba'i, Al Sibaei)		Ex-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
165.	Eng Sa'iid (سعيد) (magħruf ukoll bħala Sa'id, Sa'eed, Saeed) Ma'thi (معـــذى) (magħruf ukoll bħala Mu'zi, Mu'dhi, Ma'dhi, Ma'zi, Maazi) Hneidi (هنيدي)		Ex-Ministru taż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
167.	Dr. Jassem (جاسم) (magħruf ukoll bħala Jasem) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Zakaria (زكريا)	Twieled fl-1968	Ex-Ministru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
169.	Dr. Adnan (عدنان) Abdo (عبدو) (magħruf ukoll bħala Abdou) Al Sikhny (السخني) (magħruf ukoll bħala Al-Sikhni, Al-Sekhny, Al-Sekhni)		Ex-Ministru tal-Industrija. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
174.	Mohammed (محمد) Turki (تركي) Al Sayed (السيد)		Ex-Ministru tal-Industrija. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
175.	Najm-eddin (الدين نجم) (magħruf ukoll bħala Nejm-eddin, Nejm-eddeen, Najm-eddeen, Nejm-addin, Nejm-addeen, Najm-addeen, Najm-addin) Khreit (خريط) (magħruf ukoll bħala Khrait)		Ex-Ministru tal-Istat. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012